**18 ta' Marzu, 1986**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Avukat Vincent Falzon bħala mandatarju u għan-nom tas-soċjetà "*Tessitura Guido Guenzani S.A.S.*" ta' Gallarate, Italja

*versus*

Lucio Bonello f'ismu proprju u għan-nom tad-Ditta "*Domenico Arpa*"

**Kambjala – Azzjoni Kambjarja – Aċċettazzjoni ta' – Aċċettazzjoni *Proprio* jew f'Isem Ditta jew Soċjetà – Persuna Fiżika – Persuna Morali – Ditta**

*Azzjoni kambjarja. Minn eżami tal-provi, il-Qorti ta' l-Appell sabet illi l-obbligazzjoni kambjarja kienet ġiet assunta mill-konvenut f'isem persuna morali ċjoè ditta u mhux f'isem persuna fiżika.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur *nomine* wara li ppremetta li l-konvenut huwa debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' tliet miljuni, mija u sebgħat elef, sitt mija tlieta u sebgħin liri Taljani (Lit. 3,107,673) in kwantu għas-somma ta' tliet miljuni ħamsa u sebgħin elf, seba' mija ħamsa u tletin liri Taljani (Lit. 3,075,735) import ta' kambjala ddatat 1 ta' Settembru, 1980 minnu aċċettata u skaduta u in kwantu għal bilanċ ta' wieħed u elf disa' mija, tmienja u tletin

liri Taljani (Lit. 31,938) spejjeż bankarji u tal-protest sborzati in konnessjoni ma' l-istess kambjala u billi l-konvenut ipprometta li kien sejjer iħallas dan id-debitu però baqa' inadempjenti; l-istess attur *nomine* talab li l-konvenut (1) jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' tliet miljuni u sebat elef, sitt mija tlieta u sebgħin liri Taljani (Lit. 3,107,673) fl-ekwivalenti flus Maltin import ta' kambjala ddatata 1 ta' Settembru, 1980 minnu aċċettata u skaduta u ta' l-ispejjeż sborżati in konnessjoni ma' l-istess kambjala kif spjegat hawn fuq; bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-10 ta' Frar, 1982 u bl-imgħax legali mid-data ta' l-iskadenza sad-data ta' l-eventwali pagament;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-7 ta' Mejju, 1984 li biha fil-kontumaċja tal-konvenut *proprio et nomine* laqgħet it-talba ta' l-attur *nomine* kif dedotta fiċ-ċitazzjoni u għalhekk ikkundannatu jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm825.40,0 (tmien mija ħamsa u għoxrin lira Maltija u erbgħin ċenteżmi) bl-imgħaxijiet kif mitluba u bl-ispejjeż kontra l-konvenut *proprio et nomine* u dana wara li rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur *nomine* u d-dokumenti esebiti minnu ma' l-att taċ-ċitazzjoni u li ċ-ċitazzjoni ġiet debitament innotifikata lill-konvenut *proprio et nomine* li naqas li jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqa' kontumaċi u wara li kkunsidrat li mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta ppruvata;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut *proprio et nomine* ppreżentata fil-15 ta' Mejju, 1984;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut *proprio et nomine* ppreżentata fit-30 ta' Mejju, 1984 li biha talab li l-imsemmija sentenza *tiġi rrevokata billi t-talba ta' l-attur tiġi miċħuda bl-*

ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

Rat ir-risposta ta' l-attur *nomine* ppreżentata fis-6 ta' Ġunju, 1984;

Rat in-nota ta' l-attur *nomine* ppreżentata fis-seduta ta' l-24 ta' Frar, 1986 li biha rtira l-eċċezzjoni sottomessa fit-tieni paragrafu tar-risposta tiegħu, ċjoè illi *stante* li l-appellant baqa' kontumaċi, huwa għandu qabel xejn jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

L-attur appellat *nomine* fiċ-ċitazzjoni talab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut Lucio Bonello f'ismu proprio u għan-nom tad-ditta *"Domenico Arpa"* jħallas is-somma hemm imsemmija bħala import ta' kambjala li ġiet mill-istess konvenut aċċettata kif ukoll l-ispejjeż sborżati in konnessjoni ma' l-istess kambjala. L-ewwel Qorti, fil-kontumaċja tal-konvenut *proprio et nomine*, issa qed jappella minn din id-deċiżjoni għaliex jippretendi li meta huwa ssottoskriva l-kambjala huwa ma ssottoskrivihiex la f'ismu u lanqas f'isem id-ditta *"Domenico Arpa"* iżda ffirma biss għal Domenico Arpa;

Ikkunsidrat:

Minn eżami tal-kopja fotostatika tal-kambjala in kwistjoni jidher li t-trattarju tal-kambjala mhux persuna fiżika imma

persuna *morali*. Infatti l-kambjala hija indirizzata *"To M/s Domenico Arpa"*. Jidher ukoll li l-aċċettant tal-kambjala ffirma *"for D. Arpa"*;

L-azzjoni eżerċitata mill-attur *nomine* hija l-azzjoni kambjarja u kwindi hija ċirkoskritta minn dak li jirriżulta mill-kambjala;

Għalhekk ma *jistax* jingħad mill-kambjala illi l-konvenut Lucio Bonello huwa tenut personalment. Il-kambjala, kif ingħad, hija indirizzata lil *"M/s Domenico Arpa"* u meta hu *aċċetta*, taħt *il*-firma *tiegħu* żied il-kliem *"for D. Arpa"*. F'dan is-sens għalhekk l-appell jidher ġustifikat;

*Ma jistax jingħad* f'dan ir-rigward li *"M/s Domenico Arpa"* mhix xi soċjetà regolarment ikkostitwita imma hija biss isem ta' ażjenda u li għalhekk il-konvenut Lucio Bonello, bħala li ffirma għaliha huwa responsabbli personalment, billi l-azzjoni eżerċitata hija l-azzjoni kambjarja u r-responsabbilità tiegħu personali trid temerġi mill-kambjala stess u din, għar-raġunijiet fuq imsemmija, ma tirriżultax. Jekk, fil-każ aktar 'il quddiem ritenut li Lucio Bonello huwa responsabbli għan-nom tad-ditta *"Domenico Arpa"*, ikunx bħala konsegwenza ta' dan responsabbli wkoll personalment, hija kwistjoni li ma tirrigwardax l-azzjoni preżenti, li, kif ingħad, hija l-azzjoni kambjarja, iżda semai tista' talvolta *tifforma* l-mertu *ta'* azzjoni oħra;

Ikkunsidrat:

L-appellant qed jippretendi wkoll li l-kambjala ma aċċettahiex għad-ditta *"Domenico Arpa"* billi ffirma *"for D. Arpa"*. Il-Qorti però ma tistax taċċetta din is-sottomissjoni.

Wieħed għandu jippreżumi li meta aċċetta l-kambjala, l-appellant, li huwa bniedem fin-negozju u għalhekk jaf xi tfisser kambjala, kien qed jaġixxi *in buona fede* u billi l-kambjala kienet indirizzata *"To M/s Domenico Arpa"* wieħed għandu jifhem li meta aċċetta bil-kliem *"for D. Arpa"* huwa kien qed jaċċetta għal *M/s Domenico Arpa*, lil min kienet indirizzata l-kambjala. Prova ta' din tinstab fiċ-ċirkostanza li meta n-Nutar li għamel il-protest mar, skond il-liġi, għand l-appellant, dan qallu: *"The Bill will be paid within a month's time"* (fol. 5). Għalhekk f'dan ir-rigward l-appell huwa infondat;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li fil-waqt li tirrevokaha inkwantu laqgħet l-istess talba kif diretta kontra l-konvenut appellant għan-nom tad-ditta *"Domenico Arpa"* bl-imgħaxijiet kif mitluba. L-ispejjeż, hija ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza, fiċ-ċirkostanzi, għandhom jitħallsu nofs mill-attur appellat *nomine* u nofs mill-konvenut appellant *proprio et nomine*.